**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 331/02AE**

**Joe Galea ezercenti l-kummerc taht l-isem Galea Marine Engineering**

**Vs**

**Vincent Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' disgha mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm947) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-oggetti mibjugha u konsenjati lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u deher biss fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2002.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokument li gie prezentat mill-attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disgha mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm947), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**